# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM IT-28 TA' JANNAR 2021

**Kawza Numru: 11**

**Rik. Gur. 775/2019 RGM**

**Michelangelo Cutajar (I.D. 556663M), Anthony Camilleri (I.D. 79462M), u martu Josephine Anna Rita sive Joanne Camilleri, Stephen Pace (I.D. 354372M), u martu Antoinette Pace (I.D.248070M)**

**vs.**

**Joseph Lia**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment dwar **rikors tal-atturi** pprezentat fid-9 ta' Marzu, 2020 li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:

Illi dana r-rikors qieghed jigi ntavolat sabiex jigu indirizzati varji elementi ta' irritwalita' tar-risposta (suppost) guramentata ta' Joseph Lia li giet prezentata fis-7 ta' Frar 2020.

Illi, **fl-ewwel lok**, almenu mill-kopja li giet mghoddija lill-esponenti, ma jirrizultax li r-risposta giet debitament guramentata kif jirrikjedi l-artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi **fit-tieni lok** huwa manifest li l-intimat Joseph Lia naqas milli josserva dak li jipprovdi l-artikolu 158(3)(b) u (c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-dokument minnu pprezentat jinvolvi paragrafi shah (xejn inqas minn 56 paragrafu u 5 addizzjonali) ta' allegazzjonijiet u lmenti li huma totalment konfuzi u mhux marbuta mal-azzjoni tal-esponenti. Il-ligi timponi obbligu fuq l-intimat li fir-risposta guramentata tieghu jirribatti t-talbiet attrici, u xejn iktar.

Il-ligi hija carissimma: l-eccipjent ghandu jipprovdi "*.. stqarrija **cara** u **korretta** tal-eccezzjonijiet **fuq il-merti tat-talba** ……"* u li l-eccipjenti ghandu *"jiddikjara bil-gurament fir-risposta guramentata b'paragrafi numerati, il-fatti kollha **dwar it-talba**, fejn jichad, jammetti jew jispjega **c-cirkostanzi tal-fatti murija fid-dikjarazzjoni tal-attur**, ….".*

Illi **fit-tielet lok** huwa evidenti ghall-ahhar li r-risposta ta' Joseph Lia tivvjola bis-shih dak li jipprovdi l-artikolu 159 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi **fir-raba' lok** jirrizulta wkoll li fir-risposta tieghu Joseph Lia qieghed jitlob li **x'uhud** mill-esponenti jigu kkundannati fil-mod hemm imfisser. L-esponenti jissottometti li dana ma huwiex possibbli ghaliex Joseph Lia ma segwiex il-procedura stipulata fl-artikolu 398 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Biss biss ma hemm ebda distinzjoni bejn l-eccezzjonijiet tieghu u l-kontrotalba tieghu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad ukoll illi anke minn semplici qari tal-ilmenti tieghu huwa manifest li ma tistax tigi prezentata kontrotalba ghaliex l-ilmenti ta' Joseph Lia huma diretti biss fir-rigward ta' **<u>x'uhud mill-atturi</u>**, u dana apparti li huma diretti kontra taghhom f'kapacita' ohra.

Illi huwa manifest illi jekk dana l-Att ma jigix rimoss anke dina l-Qorti tkun fl-impossibilita' li tasal ghal sentenza definittiva. Dana huwa lampanti minn semplici qari tad-dokument. L-artikoli fuq citati huma intizi proprju sabiex dan ma jsehhx.

Illi l-esponenti onestament jemmen li l-att ma huwiex salvabbli, tant li ma jistax jigi redatt jew emendat.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tordna l-isfliz tar-risposta ta' Joseph Lia, b'dana illi, jekk ma jidhriliex li l-att ghandu jigi estromess, tordna l-applikazzjoni tal-artikolu 159(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u kwalunkwe provvediment alternattiv jew agguntiv li jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkustanzi.

Rat ir-**risposta ta' Joseph Lia** ipprezentat fil-15 ta' Mejju, 2020 fejn nonostante li fiha hmistax-il-pagna, ma fihiex linja wahda li tindirizza l-mertu tar-rikors mertu ta' dan il-provvediment u minflok tirrepeti prattikament il-kontenut tar-risposta guramentata. Tqis tali risposta tal-15 ta' Mejju 2020 bhala totalment irritwali u li tirrazenta d-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u tordna l-isfilz taghha filwaqt li qed tirrizerva x'passi ghandhom jittiehdu fil-konfront tal-avukat li ffirma l-istess risposta.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali ir-risposta guramentata pprezentata mill-konvenut fis-7 ta' Frar 2020;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-digriet fir-rigward tar-rikors tal-atturi tad-9 ta' Marzu 2020.

Ikkunsidrat;

Fid-9 t'Awwissu 2019, l-atturi intavolaw l-azzjoni odjerna fejn l-ilment taghhom jirrigwarda solament fuq allegazzjoni ta' perkolazzjoni t'ilma fil-partijiet komuni f'kumpless ta' garaxxijiet minghajr isem u li ghandu l-entratura principali fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta u li taghhom huma s-sidien. Is-sid tal-maisonette, sovrastanti l-kumpless ta' garaxxijiet huwa l-konvenut. B'din l-azzjoni l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti

> "(i) tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi determinat minn din l-Qorti jezegwixxi x-xogholiiet rimedjali mehtiega sabiex tigi mrazzna l-permeazzjoni tal-ilma fuq imsemmija, u fin-nuqqas li jottempra ruhu fit-terminu hekk stabbilit tawtorizza lir-rikorrenti iwettquhom huma stess a spejjes tal-intimat, u dana bl-assistenza ta' marixxalli ta' dina l-Qorti;
>
> (ii) tiddeċiedi u tiddikjara li l-proprjetà tal-atturi kif fuq deskritta sofriet hsara bhala konsegwenza ta' permeazzjoni ta' ilma provenjenti mill-fond numberat 8, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta proprjetà tal-intimat, u li bhala konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti sofrew danni ngenti;
>
> (iii) tillikwida d-danni li sofrew ir-rikorrenti Michelangelo Cutajar u l-konjugi Camilli konguntivament bejniethom;
>
> (iv) tillikwida d-danni li sofrew ir-rikorrenti Stephen u Antoinette konjuġi Pace konguntivament bejniethom;
>
> (v) tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati."[1]

Fis-7 ta' Frar 2020 il-konvenut ipprezenta r-risposta guramentata tieghu fejn issolleva numru ta' eccezzjonijiet. Hemm numru t'eccezzjonijiet li jirreferu

[1] Pagna 2 tal-process.

ghal uzu tal-*communical satellite dish* kif ukoll l-uzu tat-*television areal* kif ukoll l-impossibilità li jinstalla t-tank tal-ilma fuq il-bejt tal-*penthouse* minhabba certu Peter Cutajar u ghamel referenza ghal numru ta' problemi li ghandu ma' dan Cutajar. Il-konvenut ressaq ukoll numru ta' eccezzjonijiet ohra sabiex jirribatti l-premessi tal-atturi u jispjega x'inhu jikkawza l-problema li minnha qeghdin jillamentaw minnha l-atturi. Finalment ghadda wkoll sabiex talab lill-Qorti

"(1) Tordna lill-istess Sur Peter Cutajar jigi kjamati f'dina l-kawza odjerna;

(2) Tordna lill-istess Rikorrenti jġibu fix-xejn l-azzzoni istitwita minnhom;

(3) Tordna lill-istess Rikorrent Michelangelo Cutajar, lill-istess Rikorrent Anthony Camilleri w lill-istess Peter Cutajar jinzammu personalment responsabbli ghal kull dannu prezenti w/jew rizultanti;

(4) Tordna lill-istess Rikorrent Michelangelo Cutajar, lill-istess Rikorrent Anthony Camilleri w lill-istess Peter Cutajar jitqieghu ***f'DOLO, CULOA*** w ***MORA*** ghall-finijiet w effetti tal-ligi;

**(5) Tordna lill-istess Rikorrent Michelangelo Cutajar, lill-istess Rikorrent Anthony Camilleri w lill-istess Peter Cutajar jaghtu mhux biss l-access kontinwat, liberu w frank w sigur ghal fuq l-istess bejt tal-blokka ta' l-appartamenti suriferiti inkluz ghal fuq l-istess bejt tal-"*penthouse*" ta' l-istess Sur Peter Cutajar skond it-termini tal-kuntratt ta' xiri, imma wkoll illi jhallu lill-istess Esponent Intimat u/jew lill-istess aġenti/haddiema tieghu/taghhom id-dritt li jinstalla kwalunkwe servizzi li l-istess Esponent Intimat jidhirlu li huwa xieraq u propizju skond kif jitolbu z-zminijiet w/jew l-ahjar sistemi ghal fuq l-istess bejt tal-blokka ta' l-appartamenti surreferiti inkluz anke ghal fuq l-istess bejt tal-"*penthouse*" ta l-istesss Sur Peter Cutajar, d-dritt ta' l-uzu tal-"*communial Satellite dish*", d-dritt ta' l-uzu tat-"*television areal*", d-dritt li installa Tank ta' l-Ilma ta' jekk jkun hemm bzonn ta'**

**wiehed ta' 2,000 litru fuq l-istess bejt tal-"*penthouse*" tas-Sur Peter Cutajar, d-dritt li jnizzel l-ilma mit-tank ta' fuq il-bejt dritt ghall-isfel dejjem skond il-ligi tal-gravita w dejjem skond l-arti w is-sena w kif ghamel kulhadd u mhux kif qed jordna l-istess Sur Peter Cutajar lill-istess Esponent Intimat u/jew lill-istess agenti/haddiema ta' l-istess Esponent Intimat permezz tas-"*suction*" ossija li l-ewwel l-ilma jrid jitla' minn naha ta' isfel tat-tank ta' fuq il-bejt il-fuq (u mhux l-isfel) xi 3 jew 4 filati qabel l-istess ilma jibda nizel l-isfel, id-dritt li jinstalla l-Antenna, d-dritt li jinstalla s-"*solar water heater*" u d-dritt li jinstalla l-pannelli tax-xemx fuq l-istess bejt tal-"*penthouse"* ta' l-istess s-Sur Peter Cutajar u dan dejjem skond l-arti w is-sena w kif ghandu dejjem id-dritt li jaghmel l-istess Esponent Intimat skond l-istess kuntratt ta' xiri;**

(6) Tordna lill-istess Rikorrent Michelangelo Cutajar, lill-istess Rikorrent Anthony Camilleri w lill-istess Peter Cutajar personalment jhallsu ghal kull dannu prezenti w/jew rizultanti."[2]

B'reazzjoni l-aturi pprezentaw rikors fid-9 ta' Marzu 2020 jitolbu l-isfilz tar-risposta guramentata tal-konvenut ghaliex jirritjenu li:-

a. Ir-risposta mhux guramentata kif jirrikjedi l-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12;
b. Il-konvenut naqas milli josserva dak li jipprovdi l-Artikolu 158 (3) (b) u (c) tal-Kapitolu 12;
c. Ir-risposta tmur kontra dak li jipprovdi l-Artikolu 159 tal-Kapitolu 12; u
d. L-intimat ma segwiex il-procedura skond l-Artikolu 398 tal-Kapitolu 12 sabiex jaghmel kontro-talba.

Ghal dan ir-rikors, il-konvenut ipprezenta r-risposta tieghu fil-15 ta' Mejju 2020 fejn wara li irrepeta dak li eccepixxa fir-risposta guramentata tieghu kif

[2] Pagni 33 u 34 tal-process.

ukoll issolleva numru ta' punti ohra talab lil din il-Qorti "tikkunsidra bis-serjetà [dan] d-Digriet"[3].

Hekk delineati brevament il-fatti u sottomissjonijiet relevanti, imiss issa li jigi kkunsidrat jekk hemmx bazi legali *o meno* sabiex tigi sfilzata r-risposta guramentata tal-konvenut ipprezentata fis-7 ta' Frar 2020.

Ikkunsidrat;

It-talba ghall-isfilz hija msejsa fuq 4 premessi..

**1. *Ir-risposta guramentata m'hijiex guramentata kif jitlob Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.***

L-**Artikolu 158 (1)** tal-Kapitolu 12 jipprovdi li "Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba."[4] Dan l-artikolu japplika ghall-proceduri li jinbdew b'rikors guramentat ai termini tal-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12.

Minn ezami tal-atti jirrizulta illi a fol. 25 tal-process hemm att ipprezentat fis-7 ta' Frar 2020 fejn jinghad li l-att kien "Risposta ta' l-Esponent Intimat Joseph Lia....". Huwa evidenti mill-atti illi tali risposta giet ipprezentata b'risposta ghall-att promotur li huwa rikors guramentat. Ghalhekk kien mehtieg illi tkun konformi ma' dak li tassattivament jitlob l-artikolu 158 tal-Kap. 12 u cioe' illi risposta ghal rikors guramentat ghandha tkun risposta mahlufa. Jirrizulta mill-atti illi tali risposta giet ipprezentata minghajr ma l-konvenut halifha. Tali nuqqas jirrendi r-risposta irritwali in kwantu l-htiega li r-risposta ghal rikors guramentat tigi mahlufa hija ad validitatem. Dan bl-istess mod illi jekk rikors ai termini tal-Artikolu 156 tal-Kap. 12 jigi pprezentat minghajr ma jigi mahluf, tali nuqqas jirrendi r-rikors promotur irritu u null.

[3] Pagna 59 tal-process.
[4] Enfasi tal-Qorti.

Jirrizulta wkoll mill-atti illi f'pagna 8 u pagna 9 ta' dik ir-risposta hemm timbru maghmul mill-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil datat 11 ta' Frar 2020, u cioe' erbat ijiem wara li r-risposta giet epprezentata fir-registru u dahlet in atti, fejn jinghad li fil-11 ta' Frar 2020 il-konvenut deher quddiem il-prokuratur legali u halef il-korrettezza tar-risposta imsemmija.

Fil-fehma tal-Qorti tali timbru sar b'abbuz tal-procedura in kwantu una volta att huwa pprezentat, hija biss il-Qorti li tista' tawtorizza zidiet fl-atti gudizzjarji. Lanqas ir-Registratur tal-Qorti ma jista', minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, jaghmel korrezzjonijiet jew zidiet fl-atti gudizzjarji una volta att gie pprezentat fir-registru tal-qorti. Tant hu hekk illi artikolu 176 tal-Kap 12 jipprovdi illi :-

"(1) L-iskritturi għandhom ikunu stampati, miktuba bit-typewriter jew miktuba bil-linka:

Iżda f'kull każ għandhom jinkitbu b'karattri ċari u leġġibbli faċilment, mingħajr spazji vojta, kliem interlineari,abbrevjazzjonijiet jew tħassir, u, ħlief bl-awtorità miktuba tar-registratur mogħtija <u>qabel il-preżentata tal-att</u>, mingħajr korrezzjonijiet, tibdil jew żidiet." (sottolinear tal-Qorti.)

Fuq hekk biss ir-risposta tal-konvenut hija irrita u nulla u konsegwentement il-Qorti ser tordna l-isfilz taghha.

Ghal kull buon fini l-Qorti ser tikkonsidra wkoll ir-ragunijiet l-ohra imressqa mill-atturi dwar l-irritwalita' tar-risposta tal-konvenut.

It-tieni premessa tal-atturi hi li l-konvenut naqas milli josserva dak li jipprovdi l-**Artikolu 158 (3) (b) u (c)** tal-Kapitolu 12. Dawn is-sub-incizi jipprovdu hekk:

(3) [...] għandu jippreżenta risposta ġuramentata li jkun fiha –

> [...]
>
> (b) stqarrija ċara u korretta tal-eċċezzjonijiet fuq il-meriti tat-talba jew tat-talbiet mingħajr riferenza għal awtoritajiet;
>
> (ċ) il-konvenut, jew wieħed mill-konvenuti jekk ikun hemm aktar minn wieħed, għandu wkoll jiddikjara bil-ġurament fir-risposta ġuramentata b'paragrafi numerati, il-fatti kollha dwar it-talba, fejn jiċħad, jammetti jew jispjega ċ-ċirkostanzi tal-fatti murija fid-dikjarazzjoni tal-attur, filwaqt li jiddikjara liema fatti huwa jaf bihom personalment.

L-atturi jsostnu li fir-risposta ghar-rikors promotur hemm paragrafi shah ta' allegazzjonijiet u lmenti li huma totalment konfuzi u mhux marbuta mal-azzjoni attrici. Din it-tieni premessa tintrabat mat-tielet premessa tal-atturi fejn jaghmlu referenza ghall-**Artikolu 159** tal-Kapitolu 12. L-ewwel sub-artikolu jaqra hekk:

> "(1) Ħlief riferenza għal-liġi, fir-rikors ġuramentat u fir-risposta ġuramentata, li għandhom ikunu fil-qosor, m'għandu jkun hemm ebda kumment, jew ħwejjeġ mhux meħtieġa sabiex jiġu mfissra l-fatti sustanzjali fir-rikors ġuramentat, jew sabiex jiġu mwaqqgħa dawk il-fatti jew biex jiġu indikati l-eċċezzjonijiet fir-risposta ġuramentata."

Filwaqt li l-atturi qeghdin jirreferu ghal perkolazzjoni tal-ilma fil-kumpless ta' garaxxijiet, il-konvenut jirribatti billi, apparti li spjega ghalfejn qieghed jidhol l-ilma fil-proprjetà tal-atturi, huwa ghamel referenza ampja ghal kwistjonijiet ohra li hemm bejnu u bejn Peter Cutajar, is-sid tal-*penthouse* li huwa kkunsidrat terz f'din l-azzjoni. Ghal fini ta' risposta guramentata dawk l-eccezzjonijiet huma kollha irrelevanti u jmorru lil hinn mill-mertu tat-talbiet. It-tielet sub-inciz tal-Artikolu 158 (3) jipprovdi li l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu fuq il-mertu tat-talbiet attrici filwaqt li r-raba' sub-inciz tal-istess sub-artikolu jirreferi ghal fatti dwar it-talbiet u liema fatti huwa jkun jaf bihom personalment. Dan kollu jfisser ghalhekk li konvenut m'ghandux id-dritt illi jirreferi ghal pretensjonijiet li m'humiex relevanti ghat-talba mressqa u jinkludihom bhala eccezzjonijiet. Anke mad-daqqa t'ghajn huwa evidenti illi r-risposta tal-konvenut ghar-rikors promotur tinjora kompletament il-ligi

procedurali u l-Qorti tistqarr illi qatt ma rriskontrat qabel dak in dizamina att gudizzjarju fejn sar kull sforz sabiex il-ligi procedurali ma tigiex osservata.

Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Registratur tal-Qrati vs. Joseph Muscat** (Cit Nru 2572/2000 JRM) moghtija fl-1 ta' April 2003 mill-Qorti Civili, Prim'Awla fejn inghad:

> "Illi fis-soluzzjoni ta' din il-kwestjoni, il-Qorti trid tiddeċiedi billi timxi ma' dak li tgħid il-liġi, billi tħares il-jedd ta' kull parti li jkollha u tingħata smigħ xieraq, inkluż il-jedd li tista' tiddefendi sewwa l-każ tagħha, u twieżen il-mira li tagħmel ħaqq mal-perikolu li ma tintilifx fil-formaliżmu bla bżonn. Dan trid tagħmlu billi żżomm quddiem għajnejha dawn il-prinċipji bażiċi, magħduda magħhom dak li att ġudizzjarju għandu, safejn jista' jkun, ma jiġix imħassar jekk jista' jiġi salvat, u li l-qorti ma tintużax biex tippremja t-traskuraġni fit-tħejjija tal-atti li jitressqu quddiemha u tagħraf fejn żball ikun wieħed ġenwin;"

Il-procedura hija t'ordni pubblika li ghandha tigi osservata minghajr l-ebda rizervi. Ghaldaqstant din il-Qorti tasal sabiex tikkonkludi li anke li kieku ghas-sahha tal-argument ir-risposta tal-konvenut kienet guramentata qabel ma giet ipprezentata, xorta fiha nuqqasijiet tant gravi li jirrenduwha irrita u nulla.

Dan mhuwiex biss ghax ir-risposta ma tikjarifikax liema huwa dawk l-eccezzjonijiet li bihom qieghed jirribatti l-azzjoni attrici izda wkoll ghaliex kif inhi impostata r-risposta lanqas hemm distinzjoni bejn l-eccezzjonijiet u t-talba rikonvenzjonali ghajr li fl-ahhar tar-risposta wiehed isib it-talbiet. Dan irendi r-risposta tal-konvenut ghar-rikors promotur manifestament iritwali u ma tharisx dak li trid il-ligi kemm taht l-Artikolu 158 kif ukoll taht l-Artikolu 398 tal-Kaptiolu 12, ghalhekk din il-Qorti sejra tilqa' t-talba kif dedotta fir-rikors tal-atturi pprezentat fid-9 ta' Marzu 2020 u sejra tordna l-isfilz tar-risposta guramentata.

**Decide.**

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Qorti qieghda tipprovdi dwar ir-rikors tal-atturi tad-9 ta' Marzu 2020 billi tilqa' r-rikors, tiddikjara r-risposta tal-konvenutipprezentata fis-7 ta' Frar 2020 b'risposta ghar-rikors guramentat bhala irritwali u nulla ghaliex (1) ma kenitx mahlufa meta giet ipprezentata u (2) ma tosservax dak li jitlob tassattivament l-artikolu 159 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**